

# Hsibijiet ta' l-Imgħoddi

John Micallef

## Ġuseppi Baldacchino 1918 - 1985



Min kien dan Ġuseppi Baldacchino? Ġuseppi kien benefattur kbir u devot tal-Madonna tal-Karmnu fil-veru sens tal-kelma.

Ġuseppi twieled fid-29 ta' Ġunju 1918. Hu twieled il-Gżira. Huwa żżewweġ lil Marta nèe Cassar fis-sena 1938. Bħala xogħol kien jaħdem fil-*business*. Il-mara tiegħu Marta kienet mietet fl-4 ta' Mejju 1973 u Ġuseppi miet fit-8 ta' Frar 1985. Huwa kien terzjarju Karmelitan.

Kif niftakar lil Ġuseppi jiena? Jiena niftakru sewwa għal snin kbar, jagħti kontribut kbir fil-parroċċa ta' Stella Maris u kien fil-kumitat tal-Banda Stella Maris.

Ġuseppi kien dilettant ħafna tan-nar. Niftakar darba fil-festa ta' Stella Maris, li dik is-sena konna grupp minn tal-festa tal-Karmnu tal-Balluta, ħadna l-inkarigu biex indoqqu l-qniepen tal-knisja ta' Stella Maris fil-ġranet tal-festa. Meta kienet ħierġa l-Vara tal-Madonna mill-knisja, Ġiuseppe kien qabbad il-musketterija minn fuq il-bejt ta' dik id-dar ta' quddiem il-knisja ta' Stella Maris. F'daqqa waħda l-musketterija ntfiet u Ġuseppi reġa' mar jagħti n-nar mit-tarf l-ieħor tal-musketterija u din f'daqqa waħda ħadet in-nar minn żewġ naħat. Ġuseppi inqabad f'nofsha. Niftakar li kienu ħaduh l-isptar. Meta waslet il-Vara ta' Stella Maris biex tidħol fil-knisja wara l-purċissjoni, nerġa' nara lil Ġuseppi nfaxxat kollu fuq l-istess bejt tad-dar ta' quddiem il-knisja.

Ġuseppi kien beda jsir midħla tal-knisja tl-Karmnu għall-ħabta ta' l-1950's meta konna qegħdin nippreparaw għall-festi Ċentinarji tas-700 sena minn meta l-Madonn tal-Karmnu tat il-Labtu lil San Xmun Stock.. Qiegħed insemmi ż-żmien ta' patri Gejt Borg bħala prokuratur tal-festa u patri Wiġġ Cutajar bħala assistent tiegħu. Huwa kien jagħti sehem kbir fil-fieri li konna nagħmlu quddiem il-kunvent.

Ġuseppi kien l-ewwel President ta' Ċentru Parrokkjali fil-post fejn kien il-Queens Hall fi triq il-Kulleġġ. Dan il-post kien ġie wara li Ġiuseppi mar għand l-Avukat Anthony Pace. Hu kien introduċa lil Patri Damian Cachia, hekk kif kien tħabbar li kien sa l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa l-ġdida. Dan il-post tal-Queens Hall kien ingħata lill-kappillan bil-kundizzjoni li Dr. Anthony Pace jitolbu lura meta jkollu bżonnu.



Ġuseppi Baldacchino kien ukoll ingħata l-inkarigu ta' President biex jitħejja programm taċ-ċelebrazzjonijiet għall-pussess tal-kappillan il-ġdid u fl-okkażjoni tal-għoti tal-parroċċa l-ġdida tal-Karmnu tal-Balluta fejn din iċ-ċerimonja kienet preseduta mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fis-15 ta' Ġunju 1974.

Il-kumitat taċ-Ċentru Parrokkjali kien kif ġej:

President: Ġuseppi Baldacchino, Viċi President: Jos. Agius, Segretarju: France Lawrenti, Ass. Segretarju: George Scerri, Teżorier: Anthony Bonett, Ass. Teżorier: Bertu Montfort, Direttur Ġenerali: Robert Lawtier, Ass. Direttur: Joe M. Abela, Membri: Camenzuli France, Anthony Balzan, Sunny Mangion u Joe Sammut.

Fl-ewwel laqgħa ta' dan il-kumitat, saret quddiesa folk mill-Wisq, Rev. Provinċjal Patri Gustin Sant O.C. fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali. Fl-aħħar taċ-ċerimonja, sar diskors tal-okkażjoni mill-President Ġuseppi Baldacchino.

Fl-1975, l-Avukat Anthony Pace, kien silef il-parti t'isfel tal-Queens Hall, fejn qabel kienu jsiru t-tiġijiet u l-ballijiet tal-karnival, liċ-Ċentru Karmelitan. Kien ukoll f'dan iż-żmien li kienet twaqqfet il-*Balluta Dramatic Company* taħt id-direzzjoni tas-Sur Joseph Dalli.

Niftakar lil Ġuseppi u jiena, li f'lejliet il-festa tal-Karmnu, is-Sibt filgħodu konna nlibbsu d-deheb lill-Madonna minn fuq il-pulptu u anke ġimgħa qabel il-festa, meta konna noħorġu l-Vara min-niċċa konna nieħdu ħsieb norbtu l-istatwa tal-Madonna mal-bradella bil-boldijiet u magħna kien ikun hemm Pawlu Sciberras.



Ġuseppi kien jieħu ħsieb il-Vara waqt il-festa u kien jagħżel ir-reffiegħa għall-festa tal-Madonna. Kien jieħu ħieb il-fjuri ta' quddiem il-Madonna fil-festa u kien jieħu ħsieb biex jordna dawn il-fjuri mingħand Emm. Vella min Ħaż-Żabbar. Kienu jmorru miegħu n-neputijiet tiegħu t-twins Mario u Joseph Camenzuli u meta kienu jġibu l-fjuri, it-twins kienu joqgħodu jwaħħlu l-biljetti fuqhom. Il-fjuri tal-festa għadhom jiġu ordnati minn għand Emm. Vella sal-lum.

Minn meta l-Knisja saret parroċċa, il-festa ħadet svolta oħra sewwa. Dan seħħ bix-xogħol u dedikazzjoni ta' Ġuseppi Baldacchino. Darba ġie għandi u talabni biex ngħinu fix-xogħol ta' disinji tal-karti li kienu jintramaw fit-toroq tal-parroċċa, pero' f'dak iż-żmien, il-business tiegħi kien fl-aqwa tiegħu ftit kelli ħin x'noffri għal dan ix-xogħol, għalkemm ġieli mort il-kunvent biex nagħti daqqa ta' id pero' kont limitat ħafna. Imbagħad kien ġabar numru mdaqqas ta' żgħażagħ u bdew jaħdmu huma għall-festa fejn għadhom jaħdmu sal-lum.



Ġuseppi kif ktibt aktar fil-bidu ta' dan l-artiklu kien dilettant ħafna tan-nar. Niftakar li darba ftit ġranet qabel il-festa kien mar iġib il-musketterija għall-festa mingħand wieħed li kien jaħdem in-nar li ismu ma niftakrux, pero' kellu l-kamra tan-nar f'Tal Balal. Dan kien ħa miegħu lin-neputijiet tiegħu (it-twins) Mario u Joseph Camenzuli. Wara li telqu bil-musketterija fil-van u waslu l-Balluta ħdejn il-knisja, instemgħet splużjoni kbira fil-viċin. Dan kien xi kwarta li kienu telqu minn ġo dik il-kamra tan-nar. Fil-fatt, dik il-kamra kient splodiet, dan ifisser li kieku damu ftit ieħor kienu jtiru ma dik l-isplużjoni. Dan ifisser li l-Madonna tal-Karmnu ħelsithom minn dik id-disgrazzja ta' nar. Fil-fatt, in-nar ta' l-art ta' lejliet il-festa kellu jinxtara



minn kamra oħra tan-nar.

Xewqa oħra li kellu Ġuseppi kienet li flok id-disinji fit-toroq jibdew jintramaw il-pavaljuni ġodda u l-ewwel pavaljuni li kien għamel kienu dawk ta' triq Manwel Dimech. Naturalment, l-ispejjeż ta' dawn kienu kbar, pero' Ġuseppi, għalkemm kienu jinġabru xi flus għalihom, qatt ma kien biżżejjed, il-kumplament kien joħroġ mill-but tiegħu.

Fuq inizjattiva ta' Ġuseppi u bi ftehim mal-Kappillan Patri Damjan Cachia, sar l-ewwel marċ ta' filgħodu fis-sena 1875. Għal dan il-marċ kienet daqqet il-banda ta' Stella Maris. Niftakar li qabel ma kien isir il-marċ ta' filgħodu, hu kien f'jum il-festa jagħmel riċeviment għal dawk li konna naħdmu għall-festa fl-10 ta' filgħodu fid-dar tiegħu fi Triq Manwel Dimech, u wara xarba sewwa, konna ninżlu l-kunvent tal-patrijiet għall-pranzu mal-patrijiet u mistiedna oħra distinti.

Nagħlaq dan l-artiklu fuq Ġuseppi Baldacchino. Jiena ħassejt li għandi ninkludi lil Ġuseppi fl-artikli li ta' kull sena nagħmel bl-isem *Ħsibijiet tal-Imgħoddi*. Hu kien dak il-bniedem li wassal il-festa kif nafuha llum għaliex iż-żerriegħa li żera' baqgħet tagħmel il-frott. Fl-aħħar ta' ħajtu, meta l-marda kienet qegħda taħkmu sewwa, ġieli kien ikun bilqegħda fuq is-siġġu ħdejn il-bieb tad-dar tiegħu. Kont spiss inkellmu u dejjem kien jgħidli: "nixtieq naħdem iktar, imma ma nistax, għax ma niflaħx".

Nagħmel appell lil kull min jagħti kontribut għall-festa, biex jimita lil Ġuseppi Baldacchino bie xil-festa ssir bis-serjetà u b'devozzjoni u mhux b'xi elementi li jistgħu lħassru l-ispirtu tal-festa.

Jekk inti tħobb tassew lill-Madonna tal-Karmnu, f'dik il-ġurnata mur il-knisja u ħu sehem fiċ-Ċelebrazjoni Ewkaristika u tqarben b'devozzjoni kbira bħal ma kien jagħmel Ġuseppi u b'hekk għalik tkun festa sabiħa tal-Madonna tal-Karmnu.

Nawgura l-festa t-tajba lil-kulħadd